IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.2.2014
COM(2014) 71 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud**

{SWD(2014) 39 final}

MT MT

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

## dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

### 1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 59 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT, il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport sal-1 ta' Novembru 2013, u wara din id-data kull ħames snin, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport huwa l-ewwel wieħed mill-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill Nru 904/2010. Dan tal-aħħar huwa riformulazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1798/2003 preċedenti, u joffri lill-Istati Membri aktar għodda ta' kooperazzjoni amministrattiva msaħħa sabiex tiġi appoġġjata l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT.

Ir-regolament irriformulat kien imfassal sabiex ittejjeb b'mod konsiderevoli l-qafas legali li jirregola l-kooperazzjoni amministrattiva u li jaġixxi bħala għodda importanti fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. B'mod partikolari, ir-Regolament introduċa titjib fir-rigward ta':

- Il-kwalità tal-informazzjoni maħżuna fil-bażijiet tad-dejta;
- It-twaqqif tan-netwerk Eurofisc li jipprovdi skambju multilaterali, rapidu u mmirat ta' informazzjoni relatata mal-frodi fil-VAT;
- L-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' feedback;
- L-aċċess awtomatizzat għall-bażijiet tad-dejta ta' Stati Membri oħra.

Il-Kummissjoni tisħaq li r-rapport għandu jitqies bħala opportunità sabiex l-esperjenza tal-Istati Membri tinqasam bejniethom bl-għan li l-operat u l-użu ta' dawn l-arranġamenti jitjiebu. (Artikolu 49, Paragrafu 1).

Dan ir-rapport jivvaluta l-funzjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qafas legali attwali u jiffoka b'mod partikolari fuq l-analiżi ta' kemm ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti ġew ikkunsidrati sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva, kif ukoll fuq l-użu li jsir tal-arranġamenti ġodda li ġew introdotti sabiex jiġi evalwat jekk dawn it-tibdiliet ma kinux effettivi. Barra minn hekk, ir-rapport jitratta ideat ġodda dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT, bħal awditi konġunti.

Barra minn hekk, dan ir-rapport ma għandux jitqies biss bħala ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni tar-regolament bħala tali, iżda aktar importanti minn hekk, bħala bażi għal djalogu permanenti u strutturat bejn il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri sabiex titjieb l-effiċjenza tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT fejn l-objettiv speċifiku jkun il-ġlieda b'mod aktar effettiv kontra l-frodi tal-VAT.

Ta' min jinnota wkoll li r-rapport attwali jifforma parti minn pakkett usa' ta' dokumenti dwar dan is-suġġett.

Reċentement, fid-19 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni ppubblikat l-istudju li jikkwantifika u janalizza d-differenza fil-VAT. Id-differenza fil-VAT għas-26 Stat

Membru ġiet ivvalutata fl-2011 li hija qrib il-EUR 193 biljun, li jirrappreżentaw madwar 18 % tal-obbligu tal-VAT jew 1,5 % tal-PDG ta’ dawn l-Istati Membri. Kif indikat f’dan ir-rapport, il-valur tad-differenza fil-VAT ma għandux ikun direttament assoċjat mal-frodi u mal-evażjoni billi ċ-ċifra tinkludi wkoll l-effetti ta’ żbalji (pereż. fl-istatistika tal-kontijiet nazzjonali) sempliċi (statistiċi jew ta' rappurtar) kif ukoll insolvenzi finanzjarji u problemi ta' pagament. Madankollu, kif studji oħra wrew ukoll b’mod ċar, il-frodi tal-VAT jibqgħu problema serja għall-Istati Membri. .

Għaldaqstant ir-rapport attwali wasal fi żmien ideali billi jagħti ħarsa ġenerali tal-użu li l-Istati Membri jagħmlu mill-għodda ta’ kooperazzjoni amministrattiva u tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT offruta lilhom permezz ta’ dan ir-Regolament.

Flimkien ma’ dan ir-rapport, il-Kummissjoni tippubblika rapport ieħor dwar il-ġbir u l-monitoraġġ tal-VAT skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament tal-Kunsill 1553/89 (l-hekk imsejjaħ ir-rapport tal-Artikolu 12).

L-istudju dwar id-differenza fil-VAT, flimkien maż-żewġ rapporti tal-Kummissjoni, jagħti ħarsa ġenerali dwar x'għadha tirrappreżenta l-problema tal-frodi tal-VAT fl-UE, filwaqt li jara wkoll kemm il-mod ta' kif l-Istati Membri jindirizzaw din problema transfruntiera permezz tal-għodda offruta lilhom bil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT u tal-ġbir tal-VAT, kif ukoll jara l-proċeduri ta’ kontroll użati fl-Istati Membri, biex b'hekk dawn ikunu jistgħu jivvalutaw ir-riskji u jidentifikaw l-opportunitajiet sabiex itejbu l-kontroll tal-VAT u s-sistemi ta’ ġbir nazzjonali tagħhom.

Fl-aħħar nett, ir-rapport attwali ma jistax jinfatam mill-kuntest usa' tal-istrateġija kkoordinata sabiex tittejjeb il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT stipulata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett[1], kif ukoll fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-VAT – għal sistema tal-VAT aktar sempliċi, robusta u effiċjenti, imfassla għas-suq uniku[2]. F’din tal-aħħar, Azzjoni Nru 14 tindika li l-Kummissjoni se tiżgura u żżomm taħt monitoraġġ l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri kontra l-frodi u se tirrapporta dwar l-effiċjenza tagħhom u l-ħtieġa ta’ aktar azzjoni fl-2014. Bl-istess mod, Azzjoni Nru 16 tirreferi għall-possibilità li jinħolqu timijiet transfruntieri tal-awditjar tal-UE li jiffaċilitaw u jtejbu l-kontrolli multilaterali transfruntieri, filwaqt li Azzjoni Nru 19 tindika li l-Kummissjoni se tkompli ssegwi x-xogħol tal-Eurofisc u se tkompli tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ikomplu jiżviluppaw din l-għodda sabiex jippruvaw jiskopru skemi ġodda ta’ frodi jew jimpedixxu milli dawn jiżviluppaw.

## 2. SORSI TA' INFORMAZZJONI UŻATI GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT NRU 904/2010.

Billi dan ir-rapport għandu jirrifletti l-użu prattiku tal-istrumenti differenti ta’ kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT magħmula mill-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali, evalwazzjoni tista’ ssir biss abbażi ta’ kontribut sostanzjali mill-Istati Membri.

Għalhekk, qabel ma tfassal dan ir-rapport, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-informazzjoni meħtieġa għal valutazzjoni komprensiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva skont ir-Regolament il-ġdid l-aħjar li tinġabar permezz ta’

[1] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Strateġija kkoordinata biex tittejjeb il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fl-UE, COM(2008)807 finali, 1.12.2008.

[2] COM(2011) 851, 6.12.2011.

**kwestjonarju** indirizzat lill-Istati Membri. Id-dokument ta' ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-Rapport jipprovdi analiżi u ħarsa ġenerali ddettaljati tat-tweġibiet mogħtija mill-Istati Membri għall-kwestjonarju[3].

L-Istati Membri ġew mogħtija l-opportunità biex jelaboraw aktar fuq ċerti tweġibiet mogħtija fil-kwestjonarju, u b'mod aktar ġenerali, biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT kif ukoll dwar il-possibilità ta' aktar titjib. Madankollu Stat Membru wieħed biss wera interess li jkun hemm diskussjoni dwar din il-kwistjoni mal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ġabret ukoll informazzjoni minn **diskussjonijiet** li kellhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fiskali li nżammu waqt bosta laqgħat tal-grupp tal-esperti għall-Istrateġija Kontra l-Frodi Fiskali (ATFS) u waqt il-laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (SCAC), kif ukoll mir-rapporti annwali tan-netwerk EUROFISC.

Sors interessanti ieħor ta' informazzjoni kienet l-istatistika annwali mibgħuta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010. Sabiex jinġabru għadd ta' konklużjonijiet ġiet ikkunsidrata b'mod partikolari l-informazzjoni relatata mal-istatistiċi tal-2011 u tal-2012.

## 3. IS-SEJBIET EWLENIN

### 3.1. L-iskambju tal-informazzjoni meta tintalab (l-Artikoli 7 sa 12)

#### *3.1.1. Il-problemi identifikati mir-rapport preċedenti*

Ir-rapport preċedenti dwar il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva[4] identifika għadd ta' problemi marbutin mal-iskambju tal-informazzjoni. Dawn kienu jikkonċernaw problemi li kienu jeżistu fl-Istat Membru li dwaru saret it-talba, iżda osservati mill-Istat Membru li kien qed jagħmel it-talba, dwar l-identifikazzjoni ta' uffiċċju ċentrali ta' kollegament (CLO), in-nuqqas ta' risposti fil-ħin u n-nuqqas ta' notifika dwar id-dewmien għax mhux se tinżamm id-data tal-iskadenza sabiex jitwieġbu t-talbiet għall-iskambju tal-informazzjoni.

Il-fattur ewlieni għall-iskambju effettiv tal-informazzjoni huwa li jkun hemm sistema ta' amministrazzjoni u ta' proċedura interna effiċjenti f'kull Stat Membru, sabiex ikun żgurat it-trattament xieraq u f'waqtu ta' dawn it-talbiet għall-informazzjoni.

Jidher li ma għadx hemm problemi sabiex jiġu identifikati l-punti ta' kuntatt fis-CLO jew sabiex jiġu definiti r-responsabbiltajiet ta' kull uffiċċju ta' kollegament. Madankollu għad hemm is-sitwazzjoni fejn l-informazzjoni rilevanti, li hi disponibbli fuq CIRCABC (il-websajt –taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Komunikazzjoni u l-Informazzjoni għall-Amministrazzjonijiet, in-Negozji u ċ-Ċittadini) trid tiġi aġġornata kontinwament.

Fir-rigward tar-risposti fil-ħin u l-proċedura ta' notifika, jidher li ħafna Stati Membri għadhom ma jistgħux jagħtu t-tweġibiet fiż-żmien preskritt, u li Stati Membri li jkunu qed jagħmlu t-talba rari jiġu infurmati bir-raġunijiet għal dan in-nuqqas. L-istatistika turi li l-għadd totali ta' tweġibiet tard laħaq livell inaċċettabbli (madwar

---

3 Sebgħa u għoxrin (27) Stat Membru wieġbu għall-kwestjonarju li ntbagħat mal-ittra 1763918 tad-19.12.2012

4 RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, COM (2009) 428 finali tat-18.8.2009.

43 %). Il-gravità tal-problema tvarja bejn Stat Membru u ieħor, iżda s-sitwazzjoni ġenerali trid titjieb b'mod partikolari billi jitqiesu s-suġġerimenti magħmula mill-Istati Membri nnifishom (dan is-suġġett huwa elaborat iktar fil-kapitolu 3.1.3).

Il-Kummissjoni tqis li huwa f'idejn l-Istati Membri biex jieħdu azzjoni dwar din il-kwistjoni. F'xi Stati Membri d-dewmien tat-tweġibiet jista' joħloq problemi serji jekk ikun hemm limitu legali ta' żmien sabiex jitwettqu l-awditi jew jekk l-informazzjoni tkun meħtieġa b'mod urġenti pereż. f'każijiet ta' frodi jew meta jkun hemm limitu ta' żmien għall-valutazzjoni tat-taxxa.

**Sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna jtejbu l-iskambju tal-informazzjoni, ġew imħejjija formoli elettroniċi ġodda. Dawn il-formoli elettroniċi ġodda issa ġew introdotti u l-Kummissjoni tistenna li dawn se jgħinu lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa biex jittrattaw aktar malajr it-talbiet.**

Barra minn hekk, il-possibbiltà, introdotta reċentement, għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex ikollhom aċċess awtomatizzat għal ċertu tip ta' informazzjoni li tkun disponibbli fil-bażijiet tad-dejta ta' Stati Membri oħra, għandha tnaqqas b'mod sostanzjali l-għadd ta' talbiet għal informazzjoni "standard" u tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni amministrattiva, u b'hekk jiġi ffrankat iż-żmien u riżorsi meħtieġa għall-inkjesti profondi ta' talbiet aktar ikkumplikati.

*3.1.2. Talba għal informazzjoni u għal inkjesti amministrattivi (l-Artikolu 7)*

L-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 jipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri jibagħtu talbiet għal informazzjoni u talbiet għal inkjesti amministrattivi lil xulxin.

Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, kważi t-talbiet kollha għall-informazzjoni xprunaw inkjesta amministrattiva. Jidher li qed isir użu tajjeb tal-aħjar prattiki[5] approvati mill-SCAC sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn f'dan ir-rigward. Ftit kienu t-talbiet li ġew miċħuda sabiex titwettaq inkjesta amministrattiva.

Hemm xi raġunijiet speċifiċi u validi l-għala inkjesta amministrattiva bbażata fuq l-Artikolu 7 tar-Regolament xi kultant tista' tkun aktar diffiċli sabiex Awtorità tat-Taxxa twettaqha meta titqabbel ma' inkjesta amministrattiva nazzjonali, pereżempju għaliex ikun hemm nieqsa l-informazzjoni relevanti u ċara fit-talba tal-Artikolu 7, jew it-talba trid tiġi tradotta. Dawn il-fatturi jistgħu jikkawżaw dewmien konsiderevoli fit-tweġibiet ta' dawn it-talbiet.

Madankollu, il-Kummissjoni hija konvinta li għall-inqas il-problema tat-traduzzjoni se tkun prinċipalment solvuta bl-introduzzjoni tal-formoli elettroniċi l-ġodda, applikabbli minn Lulju 2013, fejn ħafna mill-informazzjoni tista' tkun disponibbli f'sezzjonijiet fissi.

*3.1.3. Terminu preskrittiv sabiex tingħata l-informazzjoni (l-Artikoli 10 – 12)*

It-terminu preskrittiv sabiex tingħata l-informazzjoni huwa stabbilit fl-Artikoli 10 – 12 tar-Regolament 904/2010. Dan il-perjodu ta' żmien huwa jew 3 xhur jew xahar (1). Sabiex jiġu miġġielda l-frodi tal-VAT b'mod effiċjenti u sabiex tal-VAT tinġabar kif suppost, huwa importanti li l-Istati Membri jaqsmu l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.

Fir-rapport preċedenti, l-Istati Membri kollha ddikjaraw li permezz tal-intranet tagħhom għandhom sistema ta' monitoraġġ, jew għandhom softwer speċifiku ieħor

[5] Ara d-Dokument ta' Ħidma Nru 562 tal-SCAC.

sabiex jiġu segwiti talbiet bħal dawn; Huwa normalment is-CLO li jagħmel monitoraġġ tal-proċess.

Madankollu, l-aktar dejta statistika reċenti riċevuta mill-Istati Membri turi biċ-ċar li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għad għandhom problemi biex iżommu mad-dati tal-għeluq għat-talbiet kollha, u li huma konxji sew tan-nuqqasijiet fl-amministrazzjoni u l-proċeduri interni tagħhom. Uħud mill-Istati Membri ħadu miżuri konkreti jew għandhom l-intenzjoni li jiħduhom sabiex jagħtu aktar it-tweġibiet tagħhom fil-ħin.

Il-konklużjoni li t-talbiet għall-informazzjoni ma jitwiġbux fiż-żmien preskritt minħabba fatturi interni (bħan-nuqqas ta' riżorsi) diġà kienet spikkat fir-raport preċedenti dwar il-funzjonament tal-arranġamenti għall-kooperazzjoni amministrattiva. Ir-regolament irriformulat inkluda xi karatteristiċi ġodda bbażati fuq suġġerimenti li saru dak iż-żmien sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet, bħal li jingħata aċċess dirett għal ċerta dejta li tinsab fil-bażijiet tad-dejta nazzjonali, madankollu tibqa' l-kwistjoni li l-problema trid tiġi indirizzata fil-livell ta' maniġment fl-Istati Membri. Dan jista' jsir pereżempju billi l-uffiċjali lokali jkunu aktar konxji dwar il-ħtieġa li fl-ippjananr taghhom jagħtu prijorità skont it-talba, billi sabiex isolvu l-problemi, jikkuntattjaw direttament lill-punti ta' kuntatt fi Stati Membri oħra, jew billi jiġu rikonoxxuti l-isforzi meħuda minn uffiċjali lokali fl-evalwazzjonijiet tax-xogħol tagħhom, eċċ.

Waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-frodi karużell hija l-ħeffa tat-tranżazzjonijiet u l-mod li bih in-negozjanti neqsin jgħosfru wara li jkun sar akkwist intra-Komunitarju. Bħala konsegwenza, l-iskambju ħafif u bla xkiel tal-informazzjoni huwa essenzjali sabiex dawn il-frodi jieqfu.

Il-Kummissjoni tqis li r-rispett tad-dati tal-għeluq impost bir-Regolament huwa punt fundamentali li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jridu jikkonformaw miegħu. Ċerti Stati Membri, f'dan il-kuntest, għadhom lura sew. Is-suċċess tal-kooperazzjoni amministrattiva inevitabbilment se jiddependi fuq it-treġġigħ lura ta' din it-tendenza u fuq sforzi akbar mill-Istati Membri sabiex jipprovdu tweġibiet preċiżi u fil-ħin għat-talbiet għall-informazzjoni li jiġu mingħand il-kollegi tagħhom fi Stati Membri oħra. Sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna jilħqu dan l-għan, il-Kummissjoni se tkompli teżamina din il-kwistjoni magħhom u, jekk ikun meħtieġ, b'mod bilaterali mal-amministrazzjonijiet tat-taxxa individwali.

**Il-Kummissjoni tqis li l-Istati Membri jridu jieħdu azzjoni urġenti sabiex jiżguraw li l-proċeduri domestiċi tagħhom jiggarantixxu li t-talbiet għal informazzjoni jitwieġbu fil-ħin.**

## 3.2. L-iskambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel (l-Artikoli 13-15)

Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 79/2012[6] il-ġdid, tnaqqset il-lista ta' kategoriji koperti mill-iskambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel. Bħala riżultat, l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament attwalment jistipula żewġ (2) katgoriji biss li għalihom l-informazzjoni għandha tiġi skambjata awtomatikament, filwaqt li xorta jippermetti l-possibbiltà li l-Istati Membri jastjenu milli jipparteċipaw fi skambji awtomatiċi ta' informazzjoni bħal dawn. Il-fatt li l-lista tnaqqset jimplika wkoll li l-Istati Membri kollha jqisu l-kategoriji li jifdal bħala informazzjoni importanti li huwa utli/meħtieġ l-iskambju awtomatiku tagħha sabiex jiġi żgurat il-ġbir u l-kontroll kif suppost tal-VAT. Għalhekk, huwa ċar li l-Istati

[6] ĠU L 29, 1.2.2012, p13

Membri għandhom jirrinunzjaw milli jaqsmu ċerta informazzjoni f'każijiet eċċezzjonali u ġġustifikati kif dovut biss.

Skont "in-notifiki – tal-Artikolu 4" riċevuti minn Stati Membri — minoranza tastjeni milli tippparteċipa fi skambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar persuni taxxabbli mhux stabbiliti jew għaliex huma jesperjenzaw diffikultajiet tekniċi sabiex jiġbru din l-informazzjoni jew huma jqisu li din tikkawża piż amministrattiv sproporzjonat sabiex jiġbruha.

Din l-informazzjoni hija kkunsidrata utli għaliex tikkumplimenta dejta li għandha tiġi skambjata fil-qafas tad-Direttiva dwar ir-Rifużjoni tal-VAT. Barra minn hekk, informazzjoni li tikkonċerna persuni taxxabbli mhux stabbiliti hija wkoll relevanti għal skopijiet ta' taxxa diretta.

Abbażi "tan-notifiki – tal-Artikolu 4" għaxar Stati Membri jastjenu milli jieħdu sehem fl-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar mezzi ġodda tat-trasport (b'mod partikolari tal-karozzi), għaliex huma jikkunsidraw li din l-informazzjoni la hija disponibbli u lanqas ma tinġabar, jew li l-ġbir ta' informazzjoni bħal din se jwassal għall-introduzzjoni ta' obbligi ġodda għall-kontribwenti, jew li se jwassal għal żieda inaċċettabbli fil-piżijiet amministrattivi u finanzjarji.

Madankollu, kif diġà ssemma hawn fuq, l-iskambju taż-żewġ tipi ta' informazzjoni huwa estremament utli u meħtieġa għall-Istati Membri sabiex jiżguraw tassazzjoni korretta, u għall-ġlieda kontra t-tranżazzjonijiet frawdolenti speċjalment fil-qasam tal-mezzi ġodda tat-trasport. Dan it-tagħrif ma jistax jinkiseb fil-livell nazzjonali, u informazzjoni minn Stati Membri oħra dwar fejn il-fornituri jkunu stabbiliti hija fundamentali. Għalkemm l-Artikolu 14 jippermetti lill-Istati Membri li jastjenu minn dan l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni f'każijiet iġġustifikati kif dovut, xi Stati Membri ma ġġustifikawx l-astensjoni tagħhom.

Minħabba li l-maġġoranza tal-Istati Membri jqisu li l-informazzjoni rċevuta hija utli u fil-prattika ta' benefiċċju kemm għal skop ta' analiżi tar-riskju kif ukoll għal skop ta' kontroll, il-Kummissjoni tqis li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw proċeduri effiċjenti għall-ġbir tad-dejta ta' kategoriji differenti, u mhux jastjenu minn dan l-iskambju awtomatiku. Dan il-punt kien diġà ssemma fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri tal-2008 dwar il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva[7]. L-Istati Membri li ma jistgħux jiġbru l-informazzjoni dwar mezzi ġodda tat-trasport huma rrakkomandati li jiffamiljarizzaw ruħhom ma' prattiki tajbin ta' Stati Membri oħra li huma attivi f'dan il-qasam, pereżempju mal-Belġju li offra lil Stati Membri oħra sabiex jaqsam l-esperjenza tiegħu fuq il-ġbir tal-informazzjoni għal tranżazzjonijiet bħal dawn.

**Il-Kummissjoni tilmenta li wħud mill-Istati Membri għadhom jirrinunzjaw milli jaqsmu informazzjoni bħal din, speċjalment billi l-lista tad-dejta li għaliha japplika dan l-iskambju ta' informazzjoni tnaqqset b'mod konsiderevoli.**

## 3.3. Feedback (kif deskritt skont l-Artikolu 16)

Il-feedback huwa miżura ġdida li ġiet introdotta fl-2012 permezz ta' Regolament fuq talba speċifika ta' diversi Stati Membri. Huma jqisu li l-feedback se jgħin lill-maniġment biex jindirizza n-nuqqasijiet fil-proċeduri u biex jimmotiva lill-awdituri tat-taxxa ħalli jżidu l-kwalità tal-informazzjoni skambjata.

[7] Ir-Rapport speċjali tal-ECA 08/2007, ĠU C 20, 25.1.2008, Kapitolu 51

Madankollu, il-maġġoranza tal-Istati Membri ma użawx il-mekkaniżmu ta' feedback fl-2012, l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tagħha.

L-Istati Membri kollha jaqblu li l-feedback ma għandux jintalab sistematikament iżda biss fuq il-bażi ta' kull każ għalih, sabiex ix-xogħol addizzjonali li jinħoloq bl-għodda tal-feedback jinżamm f'limiti aċċettabbli.

Madankollu, il-maġġoranza tal-Istati Membri jqisu li għadu kmieni wisq sabiex wieħed jasal għal konklużjonijiet konkreti rigward l-effettività u l-kwalità tal-feedback. Xi Stati Membri raw li kien hemm influwenza pożittiva fuq il-motivazzjoni tal-persunal kif ukoll żieda fl-informazzjoni spontanja. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-grupp ta' esperti[8] li wettaq taħriġ ta' brainstorming dwar il-vantaġġi li jitwaqqaf mekkaniżmu ta' feedback, u li qies li l-feedback jista' jkollu rwol validu biex jimmotiva uffiċjali tal-awditjar u biex jinkuraġġixxi livell ogħla ta' skambju spontanju tal-informazzjoni.

L-Istati Membri li jużaw l-għodda tal-feedback għarrfu li l-informazzjoni rċevuta jista' jkollha impatt pożittiv fuq l-awditi tal-VAT tagħhom u d-dħul mit-taxxa.

Fil-kuntest ta' kooperazzjoni amministrattiva tajba u tal-aħjar prattiki, il-feedback għandu jkun inkoraġġit, peress li dan huwa l-aħjar mod li bih l-uffiċjali tat-taxxa ta' Stat Membru ieħor jiġu infurmati li l-informazzjoni li għaddew kienet ta' benefiċċju, u li sforz addizzjonali tagħhom wassal għal riżultat pożittiv jew għall-inqas kien utli għal tal-Istat Membru li jagħmel it-talba.

Il-Kummissjoni bi pjaċir tinnota wkoll li xi Stati Membri jipprovdu feedback b'mod spontanju mhux biss meta din tkun mitluba, iżda wkoll meta l-informazzjoni miksuba minn Stati Membri oħra tkun instabet utli f'livell nazzjonali. Dan jirrifletti l-attitudni pożittiva ta' dawn l-Istati Membri dwar kif il-kooperazzjoni transfruntiera għandha taħdem.

**Billi l-feedback huwa importanti sabiex titjieb l-effiċjenza tal-iskambji tal-informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jużaw aktar dan il-mekkaniżmu u jiżguraw li dan il-feedback jingħata kull darba li jiġi mitlub kif ukoll jipprovduh f'każijiet fejn ma jkunx mitlub għax ikun utli għal Stati Membri oħra.**

**Sabiex jintlaħaq dan, il-maniġment għandu jtejjeb it-taħriġ tal-awdituri tat-taxxa sabiex dawn isiru konxji dwar l-importanza li jagħtu feedback u dwar l-iskambju spontanju tal-informazzjoni marbut mal-isforz tal-ġbir tat-taxxa ta' Stati Membri oħra.**

### 3.4. Il-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni speċifiċi għat-tranżazzjonijiet tal-IC (l-Artikoli 17-24)

#### *3.4.1. Il-bażi tad-dejta tal-VIES*

Id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-bażi tad-dejta tal-VIES ġew emendati sabiex jiżdiedu l-ammont u l-kwalità tal-informazzjoni maħżuna u skambjata. Ġiet imfassla lista ġdida ta' informazzjoni li għandha tinħażen u tiġi pproċessata. Madankollu, ftit mill-informazzjoni tista' tkun disponibbli mill-2015 'il quddiem.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri huma ġeneralment sodisfatti bil-bidliet, u indikaw għadd inqas ta' korrezzjonijiet u d-diskrepanzi retroattivi, aġġornamenti aktar veloċi u dejta dwar il-fatturat aktar affidabbli. Barra minn hekk, it-tnaqqis fil-perjodi taż-

[8] Il-grupp tal-proġett Fiscalis 43 "L-iskambju ta' informazzjoni u l-ħtieġa għal feedback"

żmien għas-sottomissjoni u t-trażmissjoni tad-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi ħaffef il-veloċità tal-iskambju ta' informazzjoni, biex b'hekk ipprovda lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa b'vantaġġ importanti.

Fil-passat, numri tal-VAT invalidi u dewmien fil-korrezzjoni tad-dejta kienu ta' spiss iddikjarati bħala dawk li jikkawżaw problemi fil-kwalità tal-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-dejta.

Ir-rapport preċedenti tal-Kummissjoni ddikjara li "*l-aġġornar frekwenti, li għandu jsir ta' kuljum, iżid il-kwalità tal-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-dejta*". Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri issa japplikaw sistema ta' aġġornament ta' kuljum.

Għalkemm il-maġġoranza ta' dawn l-Istati Membri li jevalwaw il-kwalità u l-affidabbiltà huma ġeneralment sodisfatti bil-bidliet implimentati bir-Regolament Irriformulat, madankollu jidher li għad hemm diskrepanzi u korrezzjonijiet retroattivi li jsiru lid-dejta tal-VIES.

Il-Kummissjoni tinnota li, b'mod ġenerali, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ma għandhom l-ebda dejta rilevanti jew preċiża rigward in-numru ta' diskrepanzi disponibbli. Tibqa' l-kwistjoni jekk il-kontrolli tal-kwalità tal-Istati Membri humiex adattati sabiex titjieb l-affidabilità tal-bażi tad-dejta tal-VIES.

Fir-rigward tal-ikkanċellar retroattiv tan-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT, il-Kummissjoni tirrepeti dak li diġà ġibdet l-attenzjoni dwaru f'diversi okkażjonijiet, jiġifieri li prattiki bħal dawn jipperikolaw iċ-ċertezza legali għan-negozjanti, u li għandhom jiġu evitati. Ir-Regolament jiddikjara b'mod ċar li l-Istati Membri għandhom iżommu l-bażijiet tad-dejta tagħhom aġġornati; li għall-kredibilità tas-sistema tal-VIES hija essenzjali l-informazzjoni affidabbli.

**Il-Kummissjoni tirrakkomanda għalhekk, li l-Istati Membri kollha jintroduċu miżuri sabiex iżommu l-bażi tad-dejta tal-VIES aġġornata. Dawn, flimkien ma' tnaqqis fil-perjodi taż-żmien, se jwasslu għal sistema affidabbli u aġġornata tal-VIES, li se tagħmel disponibbli malajr kemm jista' jkun id-dejta dwar it-tranżazzjonijiet intrakomunitarji.**

### 3.4.2. *Aċċess awtomatizzat għall-bażijiet tad-dejta*

Ir-Regolament issa jistipula li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw aċċess awtomatizzat għal ċerta informazzjoni miżmuma f'bażijiet tad-dejta ta' Stati Membri oħrajn. L-iskop ta' dan l-aċċess awtomatizzat huwa li jitnaqqas l-għadd ta' talbiet li jiġu trattati mill-Istat Membru li dwaru saret it-talba, u biex jipprovdi aċċess aktar malajr għad-dejta meħtieġa.

L-Istati Membri implimentaw dan b'mod differenti: xi wħud jieħdu l-informazzjoni meħtieġa minn bażijiet tad-dejta li jeżistu filwaqt li oħrajn ħolqu bażijiet tad-dejta għal dan l-għan, bil-proporzjon ta' bejniethom ikun xi ftit jew wisq l-istess. Wieħed ma jistax jikkonkludi madankollu, jekk il-maġġoranza tal-Istati Membri jippreferux biċ-ċar li jużaw il-bażijiet tad-dejta eżistenti jew le. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-kosteffiċjenza jew limitazzjonijiet tekniċi oħra jistgħu jkollhom rwol f'deċiżjoni ta' Stat Membru partikolari meta jiġi biex juża l-bażijiet tad-dejta eżistenti.

Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-Istati Membri kollha se jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha aċċess awtomatizzat għad-dejta elenkata fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament 904/2010 skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu. Billi din l-għodda ġiet implimentata biss fl-1 ta' Jannar 2013, għadu kmieni wisq biex toħroġ stampa ċara dwar l-użu tagħha.

**Il-Kummissjoni se tagħmel monitoraġġ fuq l-applikazzjoni korretta tal-aċċess awtomatizzat, u se tipprovdi aktar dettalji dwar l-utilità u l-effikaċja ta' din l-għodda f'rapport futur.**

## 3.5. Il-preżenza tal-uffiċjali fl-uffiċċji amministrattivi u l-parteċipazzjoni fl-inkjesti amministrattivi fi Stat Membru ieħor (l-Artikolu 28)

Ir-rapport preċedenti identifika għadd ta' problemi fl-użu ta' dan l-istrument.

L-istatistiċi sottomessi annwalment juru li l-użu prattiku magħmul minn dan l-istrument huwa limitat, għalkemm għadu meqjus bħala għodda utli, b'mod partikolari f'reġjuni tal-fruntiera. L-ostakli, li huma l-aktar kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati f'livell nazzjonali (bħall-iżvilupp ta' ħiliet lingwistiċi, ir-riżorsi umani, il-proċeduri interni), kienu l-istess bħal dawk li diġà ssemmew fir-rapport preċedenti.

L-aktar raġunijiet importanti u komuni għal dan l-użu limitat kienu n-nuqqas ta' bażi legali nazzjonali li tippermetti l-parteċipazzjoni f'inkjesti nazzjonali, kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi li fixklu l-użu tal-istrument kif ukoll problemi ta' lingwa.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jippermettu li uffiċjali ta' Stati Membri oħra jkunu preżenti fl-uffiċċji tal-amministrazzjoni tat-taxxa, u li jipparteċipaw f'inkjesti amministrattivi, meta l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28, jiġu rispettati.

Il-problemi baġitarji li jirriżultaw minn riżorsi finanzjarji limitati se jiġu indirizzati fil-Programm il-ġdid ta' Fiscalis 2020, li jinkludi l-finanzjament għal żjarat bħal dawn fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, hija meħtieġa s-sensibilizzazzjoni tal-uffiċjali dwar l-użu potenzjali ta' dan l-istrument. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu ta' din l-għodda f'livell nazzjonali, biex b'hekk jippubbliċizzaw il-benefiċċji tagħha. Jistgħu wkoll jibbenefikaw mill-esperjenza pożittiva ta' Stati Membri oħra li użaw din l-għodda.

Jekk tinqala' xi kwistjoni fl-organizzazzjoni ta' avveniment tal-Artikolu 28, l-Istati Membri għandhom jippruvaw isolvu dan fuq bażi bilaterali.

L-użu ta' din l-għodda għad jista' jittejjeb peress li għadd sinifikanti ta' Stati Membri għadhom mhux jużawha ta' spiss. Madankollu, il-ħidma kollettiva fi ħdan il-kontroll multilaterali, inkluża permanenza fl-uffiċċju tal-kontribwenti, tista' tiffranka ħafna ħin (inkluż il-ħin tal-kontribwenti) peress li l-kwistjonijiet ikunu jistgħu jiġu solvuti permezz ta' kooperazzjoni reċiproka.

**Il-Kummissjoni tittama li din l-għodda tintuża aktar spiss fil-futur.**

## 3.6. Il-kontrolli simultanji – il-kontrolli multilaterali (l-Artikoli 29-30)

### *3.6.1. L-organizzazzjoni tal-kontrolli multilaterali (MLC)*

L-Istati Membri jirrikonoxxu l-valur miżjud ta' dan l-istrument. Huma sodisfatti b'kif twaqqfu l-pjattaforma tal-MLC u l-gwida tal-MLC. L-għadd ta' MLCs mibdija ta' kull sena għadu l-istess. Fost ir-raġunijiet li ssemmew mill-Istati Membri għall-għadd kemxejn baxx ta' MLCs mibdija hemm id-dikjarazzjonijiet li huwa diffiċli li inizjattivi tal-MLC jiddaħħlu fi programmi stabbiliti ta' pjanijiet tal-awditu annwali, li jinvolvu aktar xogħol għall-uffiċjali lokali li m'għandhomx l-esperjenza, u li huwa diffiċli biex tikkonvinċi l-maniġment li l-investiment fl-awditi, li jistgħu jkunu biss ta' benefiċċju għall-Istati Membri l-oħra involuti, huwa utli.

### *3.6.2. Il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti tal-MLC u dipartimenti oħra*

Ir-rapport preċedenti semma li għad hemm lok għal titjib fil-komunikazzjoni ta' bejn il-kooordinaturi tal-MLC u dipartimenti oħra (pereżempju l-unitajiet tas-CLO u ta' kontra l-frodi fiskali), possibilment billi jiġu adattati proċeduri eżistenti tal-MLC sabiex ikun hemm reazzjoni veloċi u anqas burokratika f'każijiet speċifiċi relatati ma' frodi.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri stabbilixxew kanali xierqa ta' komunikazzjoni bejn l-unitajiet/il-persuni li jitrattaw il-prevenzjoni tal-frodi u l-unitajiet ta' koordinazzjoni/il-koordinaturi tal-MLC. Il-mod kif din il-Komunikazzjoni tiġi organizzata jiddependi ħafna fuq l-organizzazzjoni amministrattiva tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istat Membru kkonċernat; dan jista' jvarja minn kuntatti diretti fl-istess dipartiment sa kuntatti bejn dipartimenti separati fi struttura deċentralizzata.

L-Istati Membri jifhmu li sistema stabbilita ta' komunikazzjoni diretta bejn l-unità li tikkoordina l-kontrolli multilaterali u l-unità ta' kontra l-frodi li hi marbuta mal-kontroll għandha valur miżjud, billi taġixxi malajr f'każijiet ta' frodi.

Rigward l-interazzjoni mal-Eurofisc, informazzjoni mmirata min-netwerk tal-EUROFISC tista' tgħin biex jingħata bidu għall-MLCs. Aċċess għan-netwerk tal-EUROFISC huwa r-responsabbiltà unika tal-Uffiċjal ta' Kuntatt tal-Eurofisc, iżda l-informazzjoni li hu jikkonsidra bħala utli għall-kontrolli multilaterali tista' tiġi trażmessa lill-koordinatur tal-MLC. Kooperazzjoni bejn il-Eurofisc u l-funzjoni tal-MLC ta' koordinazzjoni jistgħu jiġu definiti fi Protokoll.

Reċentement, il-grupp għall-proġett[9] ressaq xi rakkomandazzjonijiet sabiex jissaħħaħ l-użu ta' din l-għodda, inkluż anki l-qasam tad-dazji tas-sisa. Xi wħud minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet jippuntaw ukoll lejn kooperazzjoni aktar mill-viċin bejn l-amministrazzjonijiet doganali u tat-taxxa f'dawk l-Istati Membri fejn iż-żewġ taxxi huma ġestiti minn dipartimenti nazzjonali differenti.

**Il-Belġju waqqaf proġett pilota biex jifforma tim ta' analiżi veloċi f'livell Ewropew sabiex jirreaġixxi għat-twissijiet bikrin u sabiex jibni mill-ġdid il-katina globali tat-tranżazzjonijiet frawdolenti. Dan jista' jkun sors ta' informazzjoni utli għall-MLCs. Dan il-proġett pilota Belġjan, mfassal biex isaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT se jkompli jiġi diskuss fil-pjattaforma tal-Eurofisc**.

Il-kontrolli multilaterali u l-preżenza ta' uffiċjali f'uffiċċji amministrattivi ta' Stati Membri oħra huma għodod li għandhom jintużaw iktar ta' spiss mill-Istati Membri, speċjalment billi l-ispejjeż relatati mal-użu tagħhom minn issa 'l quddiem se (jkomplu) jiġu ffinanzjati permezz tal-programm Fiscalis. Huwa diffiċli biex wieħed jifhem għaliex l-użu tal-għodda ta' kontroll multilaterali għadu pjuttost limitat, u saħansitra naqas fis-snin reċenti, anke jekk din l-għodda tista' perfettament turi l-benefiċċji li tista' tiġġenera għall-Istati Membri kkonċernati kollha.

**L-Istati Membri għandhom jallokaw aktar riżorsi għall-użu ta' din l-għodda, u l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li jew iniedu dawn il-kontrolli multilaterali jew jipparteċipaw fihom b'mod attiv. Iż-żieda għal madwar 75 MLC għall-2014 għandha tintlaħaq speċjalment billi dan ikun jinvolvi biss medja ta' madwar 3 kontrolli multilaterali għal kull Stat Membru.**

[9] Il-grupp tal-proġett Fiscalis 84 "L-MLCs fil-qasam tad-dazji tas-sisa"

### 3.6.3. *Approċċ futur possibbli: l-awditu konġunt*

L-OECD tiddeskrivi l-awditu konġunt bħala *żewġ pajjiżi jew aktar li jingħaqdu flimkien biex jiffurmaw tim wieħed ta' awditjar li jeżamina kwistjoni(jiet)/tranżazzjoni(jiet) ta' persuna taxxabbli relatata jew aktar (kemm entitajiet ġuridiċi kif ukoll individwi) b'attivitajiet ta' negozju transfruntieri, forsi inklużi wkoll it-tranżazzjonijiet transfruntieri li jinvolvu kumpaniji affiljati relatati organizzati fil-pajjiżi parteċipanti, u li l-pajjiżi għandhom interess komuni jew komplimentari fihom; fejn il-kontribwent jagħmel preżentazzjonijiet konġunti u jaqsam l-informazzjoni mal-pajjiżi, u t-tim ikun jinkludi rappreżentanti tal-Awtoritajiet Kompetenti minn kull pajjiż.*[10]

Tliet Stati Membri biss kellhom esperjenza b'awditi konġunti kif iddefiniti hawn fuq. Stat Membru wettaq awditi konġunti ma' pajjiż terz filwaqt li l-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit bdew proġett pilota f'dan il-qasam. Minn din l-esperjenza limitata, jista' jiġi nnutat li r-responsabbiltajiet, il-koordinazzjoni, is-setgħat u r-restrizzjonijiet ta' tim ta' awditu konġunt huma stabbiliti fi ftehimiet (bilaterali) dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka u l-iskambju tal-informazzjoni fi kwistjonijiet tat-taxxa.

L-Istati Membri taw risposti diverġenti ħafna għall-mistqosija dwar jekk l-awditi konġunti jkunux għodda utli meta mqabbla ma' pereżempju MLC f'ċerti ċirkostanzi. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri huma tal-opinjoni li hemm wisq mistoqsijiet legali kif ukoll dwar l-organizzazzjoni li jibqgħu mhux imwieġba (pereżempju n-nuqqas ta' bażi legali, proċeduri nazzjonali mhux adattati għal dan, ġuriżdizzjonijiet separati, il-kunsens tal-persuna taxxabbli) sabiex jiġi konkluż jekk l-awditi konġunti minn tim ta' awditjar wieħed f'ċerti każijiet ma jistgħux ikunu aktar effiċjenti mill-MLC.

Madankollu, xi Stati Membri indikaw li awditu konġunt jista' jkun effettiv f'każijiet fejn huwa meħtieġ l-iskambju ta' malajr tal-informazzjoni, b'mod partikolari f'każijiet ta' tassazzjoni diretta fejn kumpaniji kbar ħafna b'sussidjarji jistgħu jkunu involuti (pereż. l-ipprezzar tat-trasferimenti).

Dawk l-Istati Membri li jistabbilixxu proġett pilota xorta jridu jivverifikaw jekk tim wieħed ta' awditjar jistax iħaffef il-komprensjoni komuni fil-kwistjonijiet involuti (pereżempju, il-kjarifika ta' inċertezzi fi kwistjonijiet ta' taxxa internazzjonali, il-ġudizzju tajjeb fir-riskju internazzjonali tat-taxxa, l-indirizzar ta' riskji transfruntieri b'mod aktar effiċjenti) u jekk jirriżultax orħos kemm għall-amministrazzjonijiet kif ukoll għall-kontribwenti, minħabba li se jkun hemm awditu wieħed b'riżultat wieħed biss.

Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma għandhom l-ebda esperjenza dwar l-awditi konġunti, jidher li dawn fil-prinċipju mhumiex kontra l-idea (b'mod partikolari fil-qasam tat-tassazzjoni diretta).

**Il-ħafna mistoqsijiet legali u organizzattivi li għadhom ma twiġbux jistgħu jkomplu jiġu diskussi iktar 'il quddiem waqt il-grupp tal-Proġett Fiscalis, abbażi tal-esperjenza eżistenti u tal-proġett pilota attwalment organizzat minn żewġ Stati Membri. Abbażi tar-riżultat, il-Kummissjoni tista' tagħmel proposta sabiex toħloq bażi legali għall-użu ta' din l-għodda fil-livell tal-UE.**

[10] Ir-rapport tal-awditu konġunt, OECD, FTA, Settembru 2010

### 3.7. L-għoti tal-informazzjoni lill-persuni taxxabbli (l-Artikoli 31-32)

Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali għall-operaturi tas-suq, dawn tal-aħħar jistgħu jiksbu konferma tal-validità tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT (in-nru tal-VAT) f'xi Stati Membri, jekk huma jagħtu n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tagħhom.

Is-sistema ta' skambju ta' informazzjoni tal-VAT (VIES) inħoloq ħafna snin ilu mill-Istati Membri, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, bl-għan li tipprovdi informazzjoni lill-persuni taxxabbli. Sal-lum, l-Istati Membri kollha, minbarra wieħed, jużaw il-VIES sabiex jikkonfermaw il-validità kemm tan-nru tal-ID tal-VAT, kif ukoll l-isem u l-indirizz tal-operaturi tas-suq.

Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, Stat Membru wieħed biss għadu mhux jagħti konferma tan-nru tal-ID tal-VAT tal-operaturi tas-suq lil persuni taxxabbli tal-UE fis-sistema tal-VIES ta' fuq l-internet; minflok, jesiġi li persuni taxxabbli li jkunu qed ifittxu din l-informazzjoni jmorru għand is-CLO nazzjonali sabiex jiksbu konferma ta' din id-dejta. Stat Membru ieħor indika li bħala konsegwenza din kienet l-unika raġuni għaliex qed jibqa' jżomm is-sistema nazzjonali.

Jista' jiġi konkluż li rigward il-forniment ta' dejta lil persuni taxxabbli sabiex jiġi vvalidat in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-klijenti tagħhom, l-Istati Membri kollha għandhom imwaqqfa sistema bħal din.

**L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema tal-VIES ta' fuq l-internet hija aġġornata sistematikament.**

### 3.8. Eurofisc (l-Artikoli 33-37)

In-netwerk tal-EUROFISC huwa mekkaniżmu introdott reċentement għall-kooperazzjoni rapida, maħluq biex jittratta metodi ġodda ta' frodi jew ta' fuq skala kbira. In-Netwerk stabbilixxa erba' oqsma ta' ħidma u ppubblika l-ewwel rapporti tiegħu f'Marzu 2012 u f'April 2013. Id-dispożizzjonijiet li ħolqu n-netwerk daħlu fis-seħħ f'Novembru 2010.

Bħalissa hemm erba' oqsma ta' ħidma li jkopru setturi differenti li huma affettwati minn frodi tal-VAT. Attwalment, mhi qed tiġi pperċepita l-ebda ħtieġa reali sabiex jinħolqu oqsma oħra ta' ħidma, sakemm ma jfiġġx f'settur speċifiku għadd sinifikanti ta' każijiet ta' frodi.

Uħud mill-Istati Membri jqisu li analiżi konġunta tar-riskju fil-livell tal-Eurofisc tista' tintuża sabiex tiġi analizzata b'mod komparattiv id-dejta fl-oqsma ta' ħidma kollha. Huma jixtiequ jistitwixxu proġett pilota sabiex iwettqu analiżi konġunta tar-riskju. Ir-riżultat ta' din l-analiżi jiġġenera informazzjoni mmirata li għandha tiġi kkomunikata lill-Istati Membri kollha kkonċernati, u jista' eventwalment iwassal għal Kontrolli Multilaterali ġodda. Analiżi konġunta ta' riskju bħal din tista' titwaqqaf bħala qasam ta' ħidma separat. Id-diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni għadhom għaddejjin bejn l-Istati Membri fil-Eurofisc. Sfortunatament, diskussjonijiet riċenti dwar din l-idea fil-Grupp għall-Istrateġija Kontra l-Frodi tat-Taxxa wrew li mhux l-Istati Membri kollha huma konvinti li l-Eurofisc għandha ssegwi l-alternattiva tal-analiżi konġunta tar-riskju f'dan l-istadju, u jikkunsidraw li l-attivitajiet tagħha għandhom ikunu limitati u mmirati fuq it-titjib tal-proċeduri ta' ħidma attwali.

Sabiex titjieb l-effettività tan-Netwerk, il-Kummissjoni tqis li l-analiżi tar-riskju u l-feedback huma l-oqsma ewlenin fejn l-affarijiet jistgħu jitjiebu:

- L-informazzjoni rċevuta għandha tkun aktar immirata. Il-volum kbir ta' informazzjoni li xi kultant jintbagħat huwa diffiċli biex jiġi vvalutat. Għalhekk, bosta Stati Membri ssuġġerew li l-Istati Membri kollha għandhom jużaw għodda nazzjonali għall-analiżi tar-riskju effettiva li tippermetti li l-volum tad-dejta jiġi ffiltrat aħjar u sabiex jiżguraw li każijiet suspettużi biss jiġu trażmessi.
- Il-bażijiet tad-dejta tal-VIES jistgħu wkoll jintużaw għal skopijiet ta' analiżi tar-riskju. Dan jista' jkun mod ta' kif tinġabar malajr l-informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' netwerk karużell, minħabba li d-dejta tista' tkun disponibbli qabel ma jiġu ppreżentati d-dikjarazzjonijiet tal-VAT jew id-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi. Dawk l-Istati Membri li jiżviluppaw għodda ta' tiftix li tanalizza din it-tip ta' informazzjoni jistgħu jiskambjaw l-aħjar prattiki.
- Huwa meħtieġ mekkaniżmu pront u ċar ta' feedback fi ħdan in-netwerk. Il-feedback għandu jintuża sabiex titjieb l-analiżi tar-riskju li twassal għal dejta aktar immirata. Il-mekkaniżmu ta' feedback użat bħalissa fi ħdan il-Eurofisc jgħin lill-Istati Membri biex jivverifikaw il-kwalità tat-twissijiet maħruġa rigward ċerti kumpaniji ġaladarba l-Istat Membru li tasallu t-twissija jista' jirrapporta lura dwar ir-riżultati lill-Istat Membru li ħareġ it-twissija.

Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni li tasal mingħand il-Eurofisc, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jistgħu jibdew awditi li jistgħu jirriżultaw fl-invalidazzjoni tan-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT.

Kwalità ogħla tal-informazzjoni trażmessa u netwerk aktar effettiv jistgħu jintlaħqu billi l-funzjonament intern, li jista' jiġi miftiehem waqt laqgħat tal-Eurofisc, jittejjeb. Feedback malajr u preċiż huwa essenzjali għall-effikaċja tan-netwerk. Stat Membru argumenta li l-ħolqien ta' tim għall-analiżi konġunta tar-riskju f'qasam ta' ħidma separat għandu jkun iġġustifikat mill-fatt li jkun sinjal politiku importanti, li l-Istati Membri bis-serjetà, iridu jaraw progress fil-ġlieda kontra l-frodi.

Il-Kummissjoni tinnota li bosta Stati Membri jixtiequ jsaħħu aktar il-kooperazzjoni amministrattiva u jippermettu lill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc li jagħmlu użu aħjar mill-informazzjoni disponibbli fuq in-netwerk. Dan ikompli jgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-frodi tal-VAT qabel ma fil-fatt iseħħu. Minkejja dan, għad hemm xi Stati Membri li jippreferu jżommu l-analiżi tar-riskju f'livell nazzjonali.

**Il-Kummissjoni tqis li dawk l-Istati Membri li huma lesti li jagħmlu dan, għandhom ifittxu fil-kwistjoni li jagħmlu l-aħjar użu tal-informazzjoni disponibbli.**

Il-Kummissjoni temmen li l-iżvilupp ta' analiżi konġunta tar-riskju fi ħdan il-Eurofisc jista' jkun pass importanti lejn l-iskambju ta' aktar informazzjoni mmirata. In-netwerk għalhekk għandu jesplora l-benefiċċji ta' din l-analiżi konġunta tar-riskju.

### 3.9. Ir-relazzjonijiet mal-Kummissjoni (l-Artikolu 49)

L-Artikolu 49 tar-Regolament jesiġi li l-Istati Membri jeżaminaw u jevalwaw kif qed jaħdmu l-arranġamenti għall-kooperazzjoni amministrattiva. Fir-rapport preċedenti ġie nnutat li l-maġġoranza vasta tal-Istati Membri ma jidhrux li jwettqu xi evalwazzjoni interna sistematika tal-arranġamenti tagħhom, iżda pjuttost jidhru li qed jibbażaw l-awtovalutazzjoni tagħhom unikament fuq l-istatistiċi annwali li huma

għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Sadanittant din is-sitwazzjoni ma nbidlitx.

Matul id-diskussjonijiet li wasslu għall-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid, il-Kunsill kien tal-opinjoni li ma kienx hemm bżonn li jiġi speċifikat, fir-riformulazzjoni, li l-Istati Membri għandhom iwettqu awditi tal-operat tal-kooperazzjoni amministrattiva f'intervalli regolari.

Madankollu, il-Kummissjoni għadha temmen li din l-analiżi nazzjonali tkun utli ħafna għall-Istati Membri stess sabiex jevalwaw l-importanza, l-utilità u l-effettività tal-għodod għall-kooperazzjoni amministrattiva għalihom stess. B'mod partikolari fir-rigward tan-netwerk tal-EUROFISC, li nħoloq speċifikament biex il-frodi jiġu miġġielda b'mod aktar effiċjenti, l-Istati Membri għandhom interess kbir f'li jiġi evalwat sa fejn dan in-netwerk kkontribwixxa sabiex jitnaqqas l-introjtu mitluf minħabba l-frodi tal-VAT. Billi l-Kummissjoni jista' jkollha biss rwol ta' appoġġ fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT, huma l-Istati Membri stess li qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex jevalwaw l-effikaċja tal-għodod differenti.

Il-Kummissjoni għalhekk tirrakkomanda li l-Istati Membri jadottaw din il-proċedura sabiex twettaq analiżi reali tal-ispiża u tal-benefiċċju għall-għodod differenti.

## 3.10. Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi (l-Artikolu 36)

L-Istati Membri jqisu li l-informazzjoni li tkun ġejja minn pajjiżi terzi tista' tkun utli sabiex jiġu ffaċilitati l-valutazzjoni tat-taxxa jew id-detezzjoni tal-frodi. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha kkonkludew trattati dwar it-taxxa li jkopru kwistjonijiet marbutin mal-VAT, u għalhekk mhux possibbli għalihom li jgħaddu informazzjoni mibgħuta minn pajjiżi terzi lil Stati Membri oħra.

L-Istati Membri ma għandhomx approċċi uniformi għall-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi. Xi Stati Membri ffirmaw/irratifikaw il-konvenzjoni tal-OECD, li prinċipalment kienet maħsuba għal raġunijiet ta' tassazzjoni diretta. Barra minn hekk xi Stati Membri għandhom għadd ta' ftehimiet ta' skambju tal-informazzjoni dwar it-taxxa filwaqt li oħrajn ffirmaw jew irratifikaw konvenzjonijiet ta' tassazzjoni doppja.

Abbażi ta' ċifri pprovduti mill-Istati Membri, jista' jiġi konkluż biss li kollox ma' kollox ftit hemm esperjenza rigward l-iskambju tal-informazzjoni dwar il-VAT ma' pajjiżi terzi.

Il-Kummissjoni għalhekk hija konvinta li approċċ ikkoordinat fil-livell tal-UE sabiex jiġu stabbiliti arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-VAT huwa t-triq' il quddiem. Ftehim multilaterali tal-UE jista' jitqies bħala proġett fuq terminu twil. L-arranġamenti l-ġodda mwaqqfa sabiex jimplimentaw punt uniku ta' servizz fuq skala żgħira li se jidħol fis-seħħ fl-2015 se jipprovdi argument addizzjonali li jappoġġja ftehim multilaterali tal-UE.

**Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tissottometti proposta biex tikiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex tibda negozjati ma' ċerti pajjiżi terzi dwar ftehim bilaterali marbut mal-kooperazzjoni amministrattiva fil-bidu tal-2014.**

# 4. SUĠĠETT SPEĊJALI: IL-PUNT UNIKU TA' SERVIZZ FUQ SKALA ŻGĦIRA (MOSS)

Bħala miżura ta' simplifikazzjoni għal ċerti operaturi tas-suq, mill-1 ta' Jannar 2015, se jiġi introdott punt uniku ta' servizz fuq skala żgħira li jkun fakultattiv (MOSS). Dan se jippermetti lil fornitur, li flok jirreġistra għall-VAT f'kull Stat Membru li fih

għandu klijent, jirreġistra, jiddikjara u jħallas il-VAT dovuta fuq il-fornimenti ta' telekomunikazzjoni, xandir u servizzi elettroniċi fi Stati Membri oħra permezz ta' portal tal-Internet uniku fi Stat Membru wieħed biss - l-Istat Membru ta' identifikazzjoni.

Il-MOSS se jkollu wkoll effett fuq kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri fil-qasam tal-awditjar u l-kontroll tal-kontribwent.

Ix-xogħol legali u prattiku preparatorju kważi lest. Il-Kummissjoni waqqfet ukoll il-grupp tal-proġett Fiscalis (FPG 86) sabiex iħares lejn kwistjonijiet ta' awditu u ta' kontroll fil-kuntest tal-Moss. Il-membri ta' dan il-grupp ħejjew lista ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif l-informazzjoni tista' tintalab minn operaturi tas-suq li jużaw fajl standard tal-awditjar għall-iskema tal-MOSS u dwar kif dawn in-negozji jistgħu jiġu kkuntattjati bl-aħjar mod f'każ li tkun meħtieġa aktar informazzjoni jew hemm il-mistoqsijiet. Peress li m'hemm l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri biex jaċċettaw dawn il-linji gwida b'mod unanimu, il-Kummissjoni tittama li huma se japplikaw dawn il-linji gwida fil-forma ta' ftehim ta' bejn l-irġiel, sabiex b'hekk jitnaqqas il-piż fuq in-negozju, u jiġi ffaċilitat l-użu tal-mekkaniżmu ta' simplifikazzjoni.

## 5. Apprezzament ġenerali tal-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva

B'mod ġenerali, il-valutazzjoni globali tal-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva tidher li hi pożittiva. Bosta Stati Membri indikaw li huwa essenzjali li tkun żgurata l-kwalità tajba tal-forom ta' rikjesta tal-SCAC, u li jiġu rrispettati d-dati tal-għeluq sa meta jistgħu jitwieġbu dawn it-talbiet. Barra minn hekk, xi Stati Membri għadhom qed jirreferu għal kwistjonijiet nazzjonali (bħalma huwa n-nuqqas ta' riżorsi) u għal problemi li ilhom dwar l-iskambju tal-informazzjoni (dejta bażika mhux kompluta f'talbiet għall-informazzjoni; diskrepanzi fl-informazzjoni tal-istatistika; bidliet retroattivi lill-bażijiet tad-dejta tal-VIES; regoli differenti dwar id-data tal-għeluq għar-risposti).

Xi Stati Membri għamlu għadd ta' suġġerimenti sabiex titjieb il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT.

L-ewwel sett ta' suġġerimenti jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u se jkun jeħtieġ azzjoni nazzjonali (pereżempju, żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-maniġment, it-talbiet għall-informazzjoni għandhom isiru biss wara li r-riżorsi kollha possibbli jkunu ġew eżawriti fl-Istat Membru li qed jagħmel it-talba).

Suġġerimenti oħra jkunu jeħtieġu tibdil fil-leġiżlazzjoni, pereżempju sabiex il-feedback isir obbligatorju, jiġu imposti penali għal prestazzjoni fqira fiż-żamma tal-iskadenzi, jew żieda fil-livelli stabbiliti għat-talbiet. Madankollu, minbarra d-diffikultà sabiex jiġu adottati dawn il-miżuri leġiżlattivi, il-Kummissjoni tantiċipa wkoll xi problemi prattiċi, pereżempju kif se jiġu imposti l-penali u minn min; kif se tiġi kkalkulata l-penali, eċċ.

Suġġerimenti oħra jkunu jeħtieġu bidliet fit-trażmissjoni tad-dejta lill-Kummissjoni, pereżempju l-ġbir tal-istatistiċi sabiex issir klassifikazzjoni tal-iskadenzi mhux miżmuma (3-6-9 xhur tard). Il-Kummissjoni tikkunsidra li jista' jkun possibbli li jintlaħaq ftehim komuni dwar dan il-punt fis-SCAC.

Idea oħra li kienet li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni rigward l-Istati Membri li jonqsu sistematikament milli jwettqu l-impenji tagħhom skont ir-

Regolament 904/2010. Hawnhekk il-Kummissjoni tista' tissuġġerixxi azzjoni permezz tal-għoti ta' miżuri ta' assistenza teknika jew permezz ta' monitoraġġ kostanti skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament 1553/89. Id-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki u s-seminars tas-CLO ta' Fiscalis ġew indikati bħala għodda tajba li ttejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva.

**Xi wħud minn dawn is-suġġerimenti ġew diskussi fil-passat mingħajr suċċess. Madankollu, il-Kummissjoni biħsiebha tkompli ssegwi dawn is-suġġerimenti fil-livell xieraq sabiex jitjieb il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva, dejjem jekk ikun garantit biżżejjed appoġġ mill-Istati Membri.**

## 6. KONKLUŻJONI

Kif diġà ntqal f'diversi okkażjonijiet u aktar reċentement fl-istrateġija kkoordinata, sabiex titjieb il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT stipulata fil-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni li tippreżenta pjan ta' azzjoni sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa (COM(2012 722 finali tas-6.12.2012), l-Istati Membri jistgħu biss jindirizzaw il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa b'mod effettiv jekk jaħdmu flimkien. It-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri huwa għalhekk l-objettiv ewlieni tal-istrateġija tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.

Ir-rapport enfasizza l-oqsma fejn il-kooperazzjoni amministrattiva għad tista' tiġi intensifikata billi jsir aktar użu tal-possibiltajiet imtejba offruti mir-Regolament 904/2010:

- b'mod ġenerali, għandu jkun hemm tweġiba aktar malajr għal talbiet għal informazzjoni, peress li d-dewmien fit-tweġibiet huwa kwistjoni kritika;
- xi Stati Membri għadhom iżommu lura milli jipparteċipaw fl-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar persuni taxxabbli mhux stabbiliti u mezzi ġodda ta' trasport, minkejja li jikkunsidraw l-informazzjoni utli ħafna. Dan huwa problematiku ħafna u għalhekk il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li ssaħħaħ il-monitoraġġ mill-qrib tal-iżviluppi f'dan il-qasam;
- il-feedback mogħti spontanjament jew fuq talba, huwa approċċ li għandu jiġi inkuraġġit fil-kuntest ta' kooperazzjoni tajba u tal-aħjar prattiki, billi dan huwa l-aħjar mod kif l-uffiċjali tat-taxxa jiġu infurmati li xogħolhom kien (sa ċertu punt) ta' benefiċċju;
- l-Istati Membri jridu jippromwovu l-parteċipazzjoni f'inkjesti amministrattivi billi jagħmlu użu minn dispożizzjonijiet legali eżistenti fir-Regolament. Din hija għodda utli ħafna, li nżammet fir-Regolament rivedut, u għalhekk hija ħasra li ftit li xejn qed isir użu minn din l-għodda mill-Istati Membri;
- il-kontrolli multilaterali wrew l-utilità tagħhom. Madankollu, jidher li l-Istati Membri għamlu anqas użu minnhom f'dawn l-aħħar żminijiet. Impenn imġedded mill-Istati Membri dwar il-MLCs huwa meħtieġ, u l-ostakli għall-kontrolli multilaterali identifikati f'dan ir-rapport iridu jintgħelbu;
- l-awditi konġunti huma strument li għandu jiġi żviluppat aktar permezz tal-Grupp tal-Proġett Fiscalis abbażi tal-esperjenza miksuba fil-proġett pilota stabbilit mill-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tieħu l-inizjattiva li tipprovdi bażi legali sabiex tuża l-għodda fil-livell tal-UE;

- fi ħdan il-Eurofisc, l-analiżi komuni tar-riskju u l-mekkaniżmu ta' rispons effettiv se jkunu reazzjoni xierqa għall-ħtieġa ta' aktar tagħrif immirat disponibbli, u sabiex isir aktar użu mill-informazzjoni li hija diġà disponibbli fin-netwerk. Dan jippermetti wkoll biex in-netwerk ikompli jtejjeb ir-rwol tal-amministrazzjonijiet fiskali li jirreaġixxu mill-ewwel kontra l-frodi tal-VAT transfruntieri;
- approċċ ikkoordinat f'livell ta' UE biex tiġi stabbilita kooperazzjoni amministrattiva ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-VAT jista' jkun tweġiba għall-mod diffferenti ta' kif l-Istati Membri attwalment jagħmlu l-arranġamenti ta' kuntatti tagħhom ma' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni, fi żmien qasir, se tissottomenti proposta biex tikiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex tibda negozjati ma' ċerti pajjiżi terzi dwar ftehim bilaterali marbut mal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT.

Il-Kummissjoni tista' tgħin sabiex titwitta t-triq għall-kooperazzjoni amministrattiva effettiva bejn l-Istati Membri, sabiex jintgħelbu l-frodi tal-VAT. Hija lesta tappoġġja kull inizjattiva li ttejjeb il-kooperazzjoni kif ukoll tieħu azzjoni legali kull meta jiġi ppruvat li din hija meħtieġa.

Madankollu, l-Istati Membri jridu juru r-rieda politika meħtieġa li se jsegwu din il-linja. Iridu jagħmlu l-isforzi meħtieġa f'livell nazzjonali sabiex itejbu l-funzjonament prattiku tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva, sabiex jieħdu l-benefiċċji kollha ta' dawn l-għodod.

Il-kooperazzjoni transfruntiera hija tabilħaqq l-uniku rispons adegwat kontra l-frodi transfruntieri tal-VAT, u jeħtieġ li l-Istati Membri jallokaw ir-riżorsi skont il-prijorità, fil-klima ekonomika diffiċli attwali. Il-Kummissjoni hija konvinta li huwa biss permezz tal-użu sħiħ ta' dawn l-għodod flimkien ma' biżżejjed riżorsi li jkunu disponibbli f'livell domestiku li t-telf għall-erarji nazzjonali bħala riżultat tal-frodi tal-VAT jista' jitnaqqas.

Il-Kummissjoni se tħejji rapport dwar il-progress li sar mill-Istati Membri fl-oqsma identifikati f'dan ir-rapport. Minħabba s-serjetà tal-problema tal-frodi tal-VAT, mhux se tistenna biss li tagħti r-rapport li jmiss fi tmiem l-2018, iżda għandha l-intenzjoni li tagħti sal-aħħar tal-2015 evalwazzjoni tas-sitwazzjoni attwali lill-SCAC, li tkun tiffoka fuq l-isforzi magħmula mill-Istati Membri sabiex jegħlbu n-nuqqasijiet elenkati f'dan ir-rapport u sabiex ikomplu jtejbu l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-VAT.